MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-2 ta' April, 2009

Mandat Numru. 1396/2008/1

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1396/2008/TM fl-ismijiet:-**

**Nicholas u Mary konjugi Aquilina.**

**vs.**

**Il-Kummissarju tal-Artijiet**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tal-Artijiet datat 23 ta' Ottubru 2008 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi nhar it-12 ta' Settembru 2008 gie intavolat rikors minn Nicholas u Mary konjugi Aquilina kontra l-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet li talab il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-istess intimat sabiex dan jitwaqqaf milli

"jizgombra lill-esponent [Nicholas u Mary konjugi Aquilina] mill-fond Flat 3, Camarata Buildings, sular t'isfel, Triq il-Merkanti, Valletta."

Illi permezz ta' digriet datat 12 ta' Settembru 2008, din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghal nhar il-Hamis 18 ta' Settembru 2008, fid-9.00am.

Illi nhar it-18 ta' Settembru 2008 din l-Onorabbli Qorti ddecidiet it-talba tar-rikorrenti Nicholas u Mary konjugi Aquilina kif migjuba fir-rikors promotorju tat-12 ta' Settembru 2008 definittivament billi laqghet din it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet.

Illi *ai termini* tal-**artikolu 843 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** (li skont l-**artikolu 876A** ta' l-istess Kapitolu dan japplika ghall-mandati ta' inibizzjoni) ir-rikorrenti kellhom jaghmlu l-kawza ghal jedd imsemmi fil-mandat fi zmien ghoxrin jum mill-hrug tal-mandat, u dawk l-ghoxrin jum skadew fit-8 ta' Ottubru 2008.

Illi minn stharrig li sar fir-Registru ma jirrizultax li r-rikorrenti fethu kawza kontra l-intimat Kummissarju tal-Artijiet fiz-zmien li huma kellhom jaghmlu dan, hekk kif kienu marbutin li jaghmlu permezz ta' din l-imsemmija ligi.

Illi *ai termini* tal-**artikolu 843 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, jekk ir-rikorrent jonqos milli jaghmel il-kawza minghajr raguni tajba, l-effetti tal-mandat jieqfu u huwa jkun responsabbli ghad-danni u l-imghaxijiet kollha.

Illi ghaldaqstant, l-effetti ta' dan il-mandat m'ghadhomx aktar fis-sehh.

Illi *ai termini* tal-**artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih (f'dan il-kaz il-Kummissarju tal-Artijiet) jista' jaghmel rikors lill-Qorti li tkun harget l-att kawtelatorju li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu

ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin, fosthom: "(a) li l-att kawtelatorju m'ghadux aktar fis-sehh."

Illi ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, l-esponent Kummissarju tal-Artijiet umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex *ai termini* tal-artikoli hawn fuq citati, tirrevoka fl-*intier* tieghu l-att kawtelatorju in kwistjoni u tikkundanna lir-rikorrenti Nicholas u Mary konjugi Aquilina sabiex ihallsu lill-esponent il-penali stabbiliti applikabbli ghall-kaz odjern *ai termini* tal-**artikolu 836 (8).**

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta’ Novembru 2008.

Rat li l-intimati gew debittament notifikati fid-19 ta’ Frar 2009 izda ma pprezentaw l-ebda risposta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-22 ta’ Jannar 2009 fejn xehed Mr. Emanuel Sciriha u pprezenta kopja tal-Mandat 1396/2008 (Dok.”ES 1”); il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Marzu 2009 fejn deher Dr. Hose’ Herrera ghall-intimati fejn talab biex jirregola ruhu; tas-26 ta’ Marzu 2009 fejn deher Dr. Samuel Gauci ghar-rikorrenti Kummissarju tal-Artijiet, li ddikjara li m’ghandux provi aktar. L-intimati msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr. Samuel Gauci ghall-Kummissarju tal-Artijiet irtira t-talba tieghu biss relattivament ghall-penali skont l-**artikolu 836 (8) tal-Kap12**, fis-sens li ma kienx ser jiinsisti ghall-provediment fuq l-istess. Ir-rikors gie differit ghall-provediment finali ghat-2 ta’ April 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi dan huwa rikors fejn ir-rikorrenti odjern qed jitlob li jigi revokat il-mandat ta’ inibizzjoni Numru 1396/08 fl-ismijiet “Nicholas Aquilina et vs Il-Kummissarju ta’ l-Artijiet” datat

18 ta' Settembru 2008 peress li l-promoturi tal-istess mandat ma ressqux kawza dwar il-mertu fit-terminu stabbilit fl-**artikolu 843 (1) tal-Kap. 12** u jirrizulta li fil-fatt hekk huwa, kif jinsab konfermat mix-xhieda ta' Emanuel Scriha bhala rapprezentant tar-Registratur tal-Qorti, u fil-fatt tali pretensjoni tar-rikorrenti odjern ma giet bl-ebda mod kontradetta u b'hekk japplikaw id-disposizzjoniiet tal-**artikolu 843 (2) tal-Kap. 12** u ghalhekk t-talba ghar-revoka tal-mandat qed tigi milqugha.

Illi kwantu r-rikors odjern jirreferi ghall-hlas ta' penali, in vista tal-verbal datat 26 ta' Marzu 2009 fejn id-difensur tar-rikorernti irtira l-istess talba in kwantu tikkoncerna l-imposizzjoni ta' penali, din il-Qorti tastjeni mili tiehu konjizzjoni tal-istess talba dwar il-penali.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi tilqa' t-talba tal-Kummissarju tal-Artijiet fir-rikors tieghu datat 23 ta' Ottubru 2008, fis-sens biss hawn deciz b'dan illi skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 836 (1) (a)**, tirrevoka ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi fl-intier tieghu il-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1396/08 fl-ismijiet "Nicholas Aquilina et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet" datat 18 ta' Settembru 2008, b'dan li tastjeni mill-kumplament tal-istess talba in vista ta' dak premess.

Bl-ispejjez kontra l-intimati Nicholas u Mary konjugi Aquilina.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------